# IL-KNISJA TA' SAN LAWRENZ TAL-BIRGU

## FRÂK STORIKU

Bħal ma wegħidtkom fl-aħħar frâk storiku tiegħi, fid-dawra arkeoloġika mal-Birgu, sejjer, il-lum, ingħidilkom xi ħaġa fuq il-Knisja ta' S. Lawrenz. Din, bħal ma kullħadd jaf, hi l-iżjed qadima u għandha l-aqwa ġieh, wara l-Knisja tal-Kattidral. Isimgħu xi jgħid l-istoriku Abela Ciantar fil-Ktieb tiegħu msejjaħ: *Malta Illustrata* (Lib III Nota IV § II, paġ: 171. Vol. II). "It-tieni Knisja ta' Malta, fil-Birgu (il-" lum imsejjaħ belt Vittoriosa għar-Rebħa kbira u tal-għaġeb " li kellu fuq it-Torok) għandha l-ewwel qagħda wara l-Kat-" tidral, fost il-Knejjes Parroċċi ta' Malta; u ma għandhiex " anqas tiġi magħduda ma' dawk li nbagħad fiż-żmenijiet " ta' wara ġew imwaqqfa; iżda din il-Knisja kienet im-" waqqfa u magħmula Parroċċa bosta żmien qabel, għall-" ħtieġa tal-Birgu u tal-Kastell tiegħu ; dawn sa minn dejjem " mimlija bin-nies tal-post, u miżjura minn għadd kbir ta' " barranin, imħabba l-Port u l-Kummerċ, il-għaliex mhux " ta' min jobsor, illi wara li ġew imkeċċijin is-Saraċini dan " il-post (il-Birgu) baqa' għal xi żmien minngħajr Kappillan."

Fit-tielet ktieb Nota IV. § IV. igħid li " San Lawrenz " tal-Birgu, kienet il-Knisja Omm (Matriċi) ta' l-Isla u ta' " Bormla, u meta l-Ordni ta' S. Ġwann ħa r-riedni tal-Gżira " fit-8 ta' Novembru 1530, ir-Reliġjon għażlet din il-Knisja " bħala dik ewlenija ta' l-istess Ordni, għażlitha Knisja " Kunventwali u nqdiet biha saż-żmien is-saltna ta' Fra " Pietro di Monte, u dan ġarr il-Kunvent fil-Belt il-Ġdida " Valletta. Il-Knisja mbniet fl-1508. Is-saqaf ġie mbiddel " fl-1532".

" Il-Knisja ta' l-Isla infirdet minn San Lawrenz fl-1581 " u ta' Bormla fl-1584....."

Jissokta jgħid dan il-kittieb li " l-Knisja Matriċi (bħala " Parroċċa) għandha l-ewwel post wara l-Kattidral u " tisboq fil-qedem il-knejjes u kolleġġjati l-oħra kollha, " billi ġiet imwaqqfa fl-1090 wara t-tkeċċija tas-Saraċini, " għall-ħtiġijiet tal-kastell ħdejn il-baħar u tal-Birgu, sa minn " dejjem mimli minn nies ta' hemm u mill-barranin li " kienu jżuruh bil-qatigħ..... "

Band'oħra: "F'din il-Knisja, l'Illustrissimu Maġistrat "ta' l-Imdina (*di questa città*—Abela qiegħed jikteb minn "l-Imdina)—Valletta, Vittoriosa u ta' l-Isla, għandu s-siġ-"ġijiet tal-ġewż għoljin minn l-art, b'għamla xierqa qiesu "kôr. Il-Knejjes li fuqhom taħkem din il-Parroċċa huma "ħmistâx (15)".

Bħal mal-bennej wara li jiġbor u jonġor il-ġebel u x-xorok u l-ħwejjeġ l-oħra li jinħtieġu, biex iwaqqaf xi dar, l-ewwel ma jfittex il-blat biex fuqu jibni fis-sod u jfittex igħolli ndana wara l-oħra, hekk jien ukoll b'dan il-materjal u b'materjal ieħor, sejjer, minn l-aħjar li nista', nibni l-istorja ta' din il-Knisja.

* * *

Ma jistâx ikun, jew ħaġa li ftit titwemmen, li ma' tul il-ħakma tas-Saraċini—għalkemm bosta mill-Maltin ġew meħuda fi Tripli bħala rsiera, jew imġagħlin biex jaqdfu fix-xweni tat-Torok—f'Malta ma baqa' xejn anqas dell ta' twemmin Nisrani. L-istoriċi kollha jgħidu il minn żmien San Pawl sal-lum, il-fidi nisranija anqas biss ma naqset għal jum wieħed. Ma nniżilha qatt—u miegħi, nobsor, min għandu ftit tad-dehen—illi mis-sena 58, meta San Pawl nissel f'Malta il-Fidi, sal-miġja tas-Saraċini fl-879, jiġifieri ma' tul tmien mija u wieħed u għoxrin sena, ma kienx hawn, fil-Gzira, knisja oħra għajr dik tal-Kattidral. Mela, billi l-Birgu hu qrib, anzi hu max-xatt tal-Port il-Kbir, (u f'dak iż-żmenijiet ma kienx hemm bliet oħra) u dan kien miżgħud tant imħabba l-Maqdes ta' Astarte, inbagħad ta' Ġunone, kemm ukoll il-għaliex kien it-tokk tal-Kummerċ ta' Malta, u mgħammar sewwa min-nies tant tal-post kemm ukoll b'barranin; bla biża' ta' xejn nistgħu ngħidu, li kellu wkoll il-Knisja tiegħu nisranija. Dokumenti f'idejna ma għandniex biex nippruvaw—u min għandu dokumenti ta' sittax-il mitt sena ilu?—Iżda hu ħafna qrib is-sewwa, meta aħna naħsbu illi hekk kif il-Kbir Kostantin, xandar ma' l-Imperu, id-degriet biex ma' kullimkien tkun magħrufa l-Fidi tan-Nazzarenu, u mfarrka l-allat qarrieqa tal-Pagani, knisja nisranija dikment ġiet mibnija l-Birgu, jew ħdejn il-maqdes ta' Ġunone, jew aktarx minn floku; u jista' jkun ukoll, imħolli dak it-Tempju, ġie msoffi u kkunsagrat lis-Salvatur, bħal ma għamlu l-insara ta' Ruma. Argument wisq qrib is-sewwa għal dak li iżjed 'il fuq għedna, illi l-fidi nisranija, qatt ma ġiet nieqsa minn dawn il-Gżejjer anqas fi żmien ir-Rumani, hu l-fatt, illi l-Knisja ta' S. Anġlu ewlenija, hi maqtugħa ġo l-blat.

Issa kieku din il-Knisja, ma kenitx qabel iż-żmien ta' Kostantinu, l-insara, misserijietna, kienu jibnuha fil-beraħ u jâtuha sura ta' Tempju. X'biża' kellhom? Mela, din il-Knisja ġiet imnaqqxa u mħaffra fil-blat, għal biex, l'insara ta' l-inħawi tal-baħar fi żmien il-persekuzzjoni, kien jista' jkollhom fejn jieħdu sehem fil-misterji, minngħajr ma jinkixfu, bħal ma kienu jagħmlu l-insara ta' Ruma fil-katakombi. Jekk din il-Knisja wara r-rebħa ta' Kostantinu fuq il-qerq ta' l-idolatrija, ġiet imħollija bħal ma kienet, għandna naħsbu wkoll illi knisja oħra ġiet mibnija fil-qalba tal-Belt għall-ħteġijiet ta' dawk il-ħafna baħrin u niguzjanti li skond Diodoro Siculo, billi ħdejn il-Port il-Kbir, kienu żegħdu lil din il-Belt sew barranin kemm ġewwenin. Din il-Knisja tal-Birgu ġiet mibnija fix-xatt, fil-post fejn għadha tinsab, u minn l-ibgħad żmenijiet ġiet imsejħa bħal ma għadha sal-lum tissejjaħ: *San Lawrenz il-baħar*. Din l-ewlenija knisja, għal min kienet dedikata? Minn dejjem lil San Lawrenz? Ma naħsibx, għalkemm sa minn żmien Kostantinu, knejjes lil San Lawrenz kienu dedikati f'Ruma. Jien naħseb li kienet iddedikata lil Sidna Ġesù Salvatur jew Feddej tal-Bnedmin; u nbagħad wara l-Kunċilju ta' Efesu (431) setgħet ġiet iddedikata lill-Madonna, bħal ma jaħsbu xi wħud, iżda taħt l-ebda titulu tal-Madonna, billi t-tituli sbieħ u xerqin illi għandha l-Omm t'Alla, ma nbdewx qabel is-sena 1200.

Is-Saraċini ħakmu lil Malta sas-sena 1090, meta Ruġġier, il-Konti ta' Altavilla, imlaqqam *in-Normann*, wara li ħeles lil Sqallija mill-jasar ta' dawk, ġie wkoll f' Malta, għalibhom u keċċihom għal kollox: dan kien fil-ħabta tal-festa ta' S. Lawrenz; għalhekk wara li waqqaf mill-ġdid il-Kattidral, huwa wkoll waqqaf il-Knisja tal-Birgu, u aktarx iddedikaha lil San Lawrenz, biex jiżżi ħajr lil dal-Qaddis tal-Vittorja li hu għamel. Ruġġieru, minn Sqallija, ġieb l-Isqof Gualtieri fl-imkien ma' għadd kbir ta' qassisin, u ferraqhom mal-Gżira għall-ħteġijiet tar-ruħ tal-Maltin; u feraq il-Gżira f'żewġ tebqat: ta' fuq u t'isfel: għal l-insara tan-naħa ta' fuq għamel il-Kattidral; u għan-naħa t'isfel, jiġifieri għan-nies ta' qrib il-Port, waqqaf it-tieni Parroċċa fil-qalba tal-Birgu, u fix-xatt, biex tkun tista' tiġi milħuqa min-naħiet kollha ta' ma' dwarha. Mela, il-Parroċċa tal-Birgu ġiet imwaqqfa fi żmien il-Papa Urbanu II. (1)

Mela, jidher biċ-ċar illi minn l-ibgħad żmenijiet, il-Knisja ta' S. Lawrenz, ma kenitx biss Matriċi tal-knejjes

(1) Jaħtieġ li wieħed jagħżel, bejn Knisja u Parroċċa. Knisja tista' tkun mibnija minn Sekoli ilu u Parroċċa tista' saret il-bieraħ.

ta' l-Isla u ta' Bormla, iżda wkoll ta' dawk il-knejjes l-oħra li ġew wara, magħluqin fil-ħżiem tal-limiti tal-Parroċċa,—ftit anqas min-nofs il-Gżira.

Meta hu hekk, ma għandux wieħed jistagħġeb meta jara illi l-Isqfijiet ta' żmenijiet aħjar, kienu jqimu 'il din il-Knisja u jitgħaxxqu biha għal l-aħħar, u jżommuha bħala l-isbaħ ġawhra tal-mitra tagħhom: għalhekk kienu jżommu fiha t-Tron u s-Sedja fil-Kôr, bħal ma għadu wieħed jista' jara sal-lum. Monsinjur Gori Mancini, fl-Editt li ħareġ għall-Kunsagrazzjoni mar jistqarr u jgħid : *Post Cattedralem Ecclesiam dignorem sibi vindicat locum;* u għalhekk fit-13 ta' Mejju 1760, il-Kappellani kollha ta' Malta ħadu l-Pussess tal-Muzzetta u ta' l-Istola f'din il-Knisja bħala *Mamma* tal-Parroċċi kollha.

Fis-sena 1530, il-Knisja ta' S. Lawrenz, ġiet magħżula għal biex tkun il-Knisja Kunventwali ta' l-Ordni, illi damet tiħenna b'dan il-privileġġ, sa kemm ġiè mibni t-Tempju ta' San Ġwann il-Belt Valletta, iżda b'daqs hekk ma tilfetx il-jedd li tibqa' mgħoddija bħala Knisja li tistħoqqilha qima magħżula. U tabilħaqq: għax is-Slaten ta' Malta, meta kienu jieħdu l-*Pusess* tat-Treġija tal-Gżira, baqgħu—sa żmien il-Gran Mastru Zundadari—jiġu l-Birgu u f'San Lawrenz jilbsu għal l-ewwel darba bil-lbies ta' l-Uffiċju, jiġifieri bil-mant, il-Kuruna u x-xettru, u hemm jieħdu l-ġurament fuq il-ktieb tal-Vangelu u fuq is-Salib, illi jibqgħu jsostnu d-drittijiet tal-Maltin. Is-Salib tal-fidda li kienu jbusu, f'dik il-ġurnata, għadu wieħed jista' jarah, fl-Awla Kapitulari.

Minn l-1574 sa l-1800—minn Mons: Duzzina, sal-Mons. Guliu Carpegna—din il-Knisja kienet il-għamara ta' l-Inkiżituri jew Delegati Apostoliċi: nies dawn għorrief u nisel ta' l-aħjar Familji ta' l-Ewropa. Biż-żejjed wieħed igħid illi minn 60 wieħed, 32 saru Kardinali u 2 minnhom—Alessandro VII u Innocenzo XII—saru Papiet.Rinaldo Corsi, Federico Borromeo, Chigi, Pignatelli, Pallavicini, Scotti, Carracciolo u oħrajn huma biż-żejjed biex jonoraw, mhux post ċkejken bħall-Birgu u l-Knisja tiegħu, iżda biex jagħmlu Epoka f'nazzjon, u jatu l-aqwa ġieħ lil l-ewwel Kattidrali tad-Dinja.

Fis-sena 1659, hedin il-Knisja kienet sejra ssir Kolleġġjata Insinji (Atti Gio Paolo De Lorenzo 26 Luglio) bil-ħidma ta' Mons. Inkiżitur Tommaso Ruffo; iżda x-xitan daħħal denbu bejn dan u l-Isqof, u kollox mar l-ura. Iżda l-istess Ruffo fi żmien l-Isqof Gori Mancini talab lill-Papa Piju VI għal biex il-qassisin ta' S. Lawrenz ikollhom il-jedd li jilbsu r-rukkett u l-muzzetta. Dan il-jedd, jaħasra, minn flok

ma sewa ta' ġid sefa deni, il-għaliex il-qassisin, hekk imlibbsin, katt ma għamlu dmirhom, biex il-Knisja jagħmluha Kolleġġjata tassew. U meta, bil-ħidma ta' Dun Lawrenz Lanzon, ġiet il-Kolleġġjata, kien tard wisq ; il-għaliex hedin il-Knisja, li hi l-Mamma tal-Knejjes l-oħra, u mogħnija b'tant privileġġji, u għandha storja li tħabbatha ma' l-aqwa storji tal-Knejjes ta' l-Ewropa, fost il-Kolleġġjati hi waħda miż-żgħażagħ, u mħabba f'hekk tilfet l'anzjanità u ċediet il-lemin għal uliedha, għal dawk li ħarġu, biex ingħid hekk, mill-ġuf tagħha. Dawn huma fuq fuq it-tifkirijiet storiċi ta' din il-Knisja magħżula, illi biex wieħed igħidhom tajjeb u kif imiss, ikollu jaħli wisq iżjed wisa' milli għandi hawn. Għalhekk għal din id-darba biż-żejjed ; fil-għadd li ġej nittama li ngħidilkom xi ħaġa oħra.

**Kan G. M. Farrugia.**